MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2007

Citazzjoni Numru. 646/2003

**Leeanne Degabriele.**

**vs**

**EMM Enterprises Limited.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 25 ta’ Gunju 2003 a fol. 1 tal-process, u pprezentata quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri fejn gie premess:-

Illi l-attrici hija proprjetarja` tal-fond Flat 1, 126, Triq it-Torri, Sliema;

Illi parti mill-fond huwa mikri lis-socjeta` konvenuta bis-sahha ta' skrittura ta' lokazzjoni (*vide* anness Dok. "LD1") datata 1 ta' Frar 2000, liema kuntratt kien sar bejn is-socjeta` konvenuta u l-proprejtarju precedenti tal-fond in kwistjoni;

Illi skond l-iskrittura ta' lokazzjoni *"the premises (is) being let for the purposes of operating a car hire office, or related business. It is prohibited for any other purpose or business of any nature whatsoever other than the purpose specified in this paragraph";*

Illi s-socjeta` konvenuta qed tutilizza l-fond in kwistjoni ghal skopijiet mhux permessi u dan hekk kif sa tipprova l-attrici waqt is-smiegh tal-kawza u ghalhekk is-socjeta` konvenuta kisret il-kundizzjonijiet tal-kuntratt fuq premess;

Illi l-iskrittura ta' lokazzjoni fuq indikat jaghti lill-attrici l-jedd li tiehu lura l-pussess tal-fond Flat 1, 126, Triq it-Torri, Sliema, fil-kaz li s-socjeta` konvenuta tikser wahda mill-kundizzjonijiet kontemplati fl-istess kuntratt;

Illi minkejja diversi interpellanzi s-socjeta` konvenuta baqghet indempjenti;

Illi ghalhekk l-istess attrici talbet lis-socjeta` konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. Tiddikjara li s-socjeta` konvenuta kisret kundizzjoni ta' l-iskrittura ta' lokazzjoni datata l-1 ta' Frar 2000, senjatament il-klawsola li taqra hekk kif gej: "*the premises (is) being let for the purposes of operating a car hire office, or related business. It is prohibited for any other purpose or business of any nature whatsoever other than the purpose specified in this paragraph*";

2. Ixolji skrittura ta' lokazzjoni datata l-1 ta' Frar 2000 immarkat Dok. "LD1".

3. Tordna lis-socjeta` konvenuta sabiex tizgombra u tivvaka mill-fond Flat 1, 126, Triq it-Torri, Sliema b'mod

immedjat; u tirrilaxxja c-cwievet ta’ l-imsemmija fond a favur l-attrici.

Bl-ispejjez u rapprezentanti tas-socjeta` konvenuta minn issa ngunti in subizzjoni.

B’riserva ghal kwalsiasi azzjoni, senjatament dik ghad-danni u ghall-arrettrati ta’ kera u ta’ spejjez ohra in konnessjoni ma kontijiet ta’ dawl, ilma u *telephones.*

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-atturi a fol. 2 tal-process;

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 3 sa 6 tal-process;

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smiegh minn din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri ghas-seduta tal-25 ta’ Novembru 2003.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta datata 25 ta’ Lulju 2003 a fol. 12 tal-process fejn gie eccepit:-

1. Illi c-citazzjoni odjerna hija nulla *stante* li ma tissodisfax ir-rekwiziti tal-provedimenti ta’ l-**artikolu 156**, tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili, kemm f’dawk li huma premessi mhux cari, kif ukoll fid-dikjarazzjoni, li jhallu lid-ditta konvenuta fl-impossibbilta` li tiddefendi ruhha sewwa ghat-talbiet ta’ l-attrici.

2. Illi d-dikjarazzjoni mhix guramentata skond il-ligi u ghalhekk timporta n-nullita` ta’ l-att ossia c-citazzjoni odjerna.

3. Illi t-talbiet dedotti mhux sostenibbli ghax qed jsiru mill-persuna li ghadha kemm akkwistat il-propjeta` mikrija lill-konvenut apposta u bil-fini li tipprova timpedixxi lill-konvenut milli b’xi mod jew iehor jikkompetilha fit-triq fejn ghandha n-negozju taghha.

4. Illi l-attrici nfisha kienet taf sewwa, sa minn qabel ma akkwistat il-fond mikri, kif il-konvenut kien jopera mill-

ufficcju li huwa ghandu fil-fond imsemmi, fin-negozju mat-turisti ghall-kiri tal-karozzi u negozju iehor relatat.

5. Illi l-konvenut qed jaghmel uzu mill-fond bhala ufficcju, kif licenzjat mill-Pulizija, u skond il-permessi tal-MEPA, ghall-kiri ta’ vetturi lit-turisti, u xoghol iehor konness mieghu, kollox skond il-ftehim tal-kirja kif saret bejnu u bejn l-aventi kawza ta’ l-attrici.

6. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri skond il-ligi.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tas-socjeta` konvenuta a fol. 13 u 14 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti kollha mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri fejn fis-seduta tal-25 ta’ Novembru 2003 meta ssejhet il-kawza deher Dr. Jose` Herrera ghall-attrici u Dr. Thomas Abela ghas-socjeta` konvenuta. Dr. Abela rtira t-tieni eccezzjoni. Dr. Herrera obbliga ruhu ghall-finijiet ta’ l-ewwel eccezzjoni li jipprezenta nota spjegattiva bil-*visto* tal-kontro-parti. Inghata digriet ta’ l-affidavits. Il-kawza giet differita ghal prezentata ta’ l-affidavits tal-konvenut ghat-23 ta’ April 2004. F’dan l-istadju deher Emmanuel Gauci ghas-socjeta` konvenuta.

Rat in-nota ta’ l-attrici pprezentata *seduta stante* fis-seduta tat-8 ta’ Gunju 2005 a fol. 24 tal-process li permezz taghha pprezentat l-affidavit taghha stess (Dok “SG1”)

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem din il-Qorti kif hekk presjeduta tad-9 ta’ Frar 2006; u tal-4 ta’ Mejju 2006 fejn meta ssejhet il-kawza deher l-Avukat Shazoo Shaheryar ghall-attrici. Deher ukoll l-Avukat Thomas Abela ghas-socjeta` konvenuta. Dr. Shazoo Shaheryar mistoqsi mill-Qorti, informa lill-Qorti li huwa ghandu l-indirizz tax-xhud Michele Occiochiuso u ghandu jghaddi lill-avukat tal-kontro-parti fi zmien ghoxrin (20) jum minn dan il-verbal. Il-Qorti *in vista* ta’ dan cahdet it-talba tas-socjeta` konvenuta fir-rikors taghha tal-14 ta’ Dicembru 2005 f’dan l-istadju. Tali indirizz ried jigi ndikat lill-Qorti

b'nota fir-Registru fl-istess terminu. L-Avukat Dr. Thomas Abela ddikjara li s-socjeta` konvenuta m'ghandhiex affidavits izjed x'taghmel u kien jonqos biss il-kontro-ezami ta' l-attrici u tax-xhud Taljan, jekk dan ikun possibbli. Il-Qorti nnominat lill-Assistent Gudizzjarju Dr. Josette Demicoli biex tiffissa seduta biex isir il-kontro-ezami li jista' jsir f'Malta. Il-kawza giet differita biex isiru l-proceduri necessarji fil-mori u *occorrendo* l-finali trattazzjoni ghad-29 ta' Novembru 2006.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Josette Demicoli.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti hekk presjeduta tad-29 ta' Novembru u tas-27 ta' Frar 2007 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Thomas Abela ghas-socjeta` konvenuta u Dr. Shazoo Shaheryar ghall-attrici. Id-difensuri prezenti talbu li jaghmlu noti ta' osservazzjonijiet. Il-Qorti laqghet it-talba u pprefiggiet terminu ta' erbghin (40) gurnata lill-attrici biex tipprezenta n-nota ta' osservazzjonijiet bil-*visto*/notifika lid-difensuri tal-kontro-parti li jkollhom erbghin (40) gurnata biex jirrispondu, mid-data tan-notifika tan-nota ta' osservazzjonijiet, b'dan li jekk in-nota attrici ma tigix ipprezentata fit-terminu ndikat, it-terminu ghan-nota tas-socjeta` konvenuta jibda jghaddi mill-gheluq tat-terminu moghti lill-attrici. Il-kawza giet differita ghas-sentenza in difett ta' ostakolu ghall-31 ta' Mejju 2007.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat l-atti kollha pprezentati mill-partijiet u d-digrieti relattivi.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi din hija kawza dwar allegata ksur ta' kundizzjoni fi skrittura ta' lokazzjoni. Konsegwentement, l-attrici qeghda titlob li tali lokazzjoni tigi ddikjarata xolta u s-socjeta' konvenuta tigi ordnata li tizgombra mill-fond proprjeta' taghha.

Illi fl-ewwel eccezzjoni taghha s-socjeta' konvenuta eccepiet in-nullita' tac-citazzjoni odjerna *stante* li ma tissodisfax ir-rekwiziti tal-provedimenti tal-**artikolu 156 tal-Kap.12** kemm f'dawk li huma premessi mhux cari, kif ukoll fid-dikjarazzjoni li jhallu lis-socjeta' konvenuta fl-impossibbilta' li tiddefendi ruhha sew ghat-talbiet attrici.

Illi hawnhekk issir referenza ghall-kawza fl-ismijiet **"Patrick Staines *nomine* vs Paul Tabone *nomine*"** (P.A. (RCP) - Cit .Nru: 66/95/RCP – 27 ta' Marzu 2001) fejn gie deciz :-

*"Illi l-**artikolu 156 tal-Kap 12** jipprovdi li c-citazzjoni ghandu jkun fiha:*

*(a) tifsir car u sewwa ta' l-oggetti u r-raguni tat-talba; u*

*(b) it-talba jew talbiet.*

*Illi tali disposizzjoni tal-ligi rceviet fil-gurisprudenza interpretazzjoni larga, fis-sens li ma giex adottat ir-rigur li donnhom ifissru l-kliem tal-ligi. Hekk fis-sentenza "**Av Dr Carlo Moore noe vs Perit C Falzon et**" (P.A. A.M. – 15 ta' Dicembru 1995) gie deciz li-:*

*"u ghalhekk gie ritenut illi l-ligi ma tirrikjediex kliem partikolari ghal kif ghandha ssir ic-citazzjoni, bizzejjed jiftiehem xi jkun qieghed jitlob l-attur, b'mod li l-kawzali tista' tkun espressa lakonikament, u sahansitra tista' tkun anke ridotta mid-domanda" (vide kol.XXXIV.I.501;XXXIX – I-143; U XXXII-I-228).*

Illi l-istess inghad fis-sentenza tal-Appell fl-ismijiet **"Carmelo Bonnici vs Eucharistic Zammit *nomine*"** tal-20 ta' Jannar 1986 fejn it-tifsira tal-**artikolu 156 (1)** giet spjegata b'dan il-mod:-

*“Illi l-artikolu 156 (1) jipprovdi li l-oggett u r-raguni tat-talba gudizzjarja ghandhom ikunu mfissra car u sewwa fic-citazzjoni. Dan ma jfissirx pero` li kwalunkwe nuqqas da parte ta’ l-attur ghandu mill-ewwel jigi mehud fis-sens li qed imur kontra d-dispost ta’ l-artikolu 155 (1) (illum 156 (1) tal-Kap 12) u ghalhekk igib mieghu n-nullita` tac-citazzjoni. Infatti biex citazzjoni tigi mwaqqfa jrid ikun hemm raguni gravi, u fost kollox, ghandu jigi ezaminat jekk ic-citazzjoni tkunx defugenti jew zbaljata b’mod li l-konvenut ikun jista’ jigi pregudikat fid-difiza tieghu. Dan apparti li c-citazzjoni ghandha tigi ezaminata fit-totalita` taghha u mhux spezzettata”.*

Illi fil-kaz **“Guido J Vella A&CE vs Dr Emanuel Cefai LL.D.”** (A. C. 4 ta’ Novembru 1991 - Vol LXXV.II.467), l-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell sostniet li meta f’citazzjoni tezisti vjolazzjoni tal-forma in kontravenzjoni ta’ l-**artikolu 156 (1) (a),** ghax ma jkunx fiha tifsir car u sewwa tal-oggett u r-raguni tat-talba, l-eccezzjoni tan-nullita` tac-citazzjoni tista’ tigi milqugha biss kemm-il darba dik il-vjolazzjoni tkun giebet lill-parti li titlob in-nullita` pregudizzju illi ma jistax jissewwa xort’ ohra hlief billi l-att jigi annullat.

Inoltre l-Qorti kompliet illi f’dawn il-kazijiet huwa dejjem opportun li l-Qorti kemm jista’ jkun, ghall-pratticita` u biex tigi evitata multiplikazzjoni ta’ kawzi u spejjez zejda, ghandha tkun pjuttost iebsa fl-akkoljiment tal-eccezzjoni tan-nullita` u kemm jista’ jkun issalva atti gudizzjarji, u att ta’ citazzjoni ghandu jigi mwaqqa’ u annullat biss ghal ragunijiet gravi: in-nullita` ta’ l-atti gudizzjarji hija sanzjoni estrema li l-ligi trid li tigi mposta biss meta n-nuqqas – formali jew sostanzjali – fl-att ma jistax assolutament jigi tollerat minghajr hsara ghal xi principju ta’ gustizzja procedurali.

In fatti l-prassi odjerna mill-Qorti nostrana, anke a bazi tal-emendi maghmula bl-Att XXIV tan-1995, inkluz dawk kontenuti fl-**artikolu 175 tal-Kap 12,** hija li l-formalizmu ezagerat ilu hafna li gie mnaqqas u limitat u bir-ragun il-ligi qeghda tkun aktar inklinata li tkompli tillimita l-formalizmu

u n-nullitajiet ta' diversi forom li jnutruh. (**"Charles Fino vs Alfred Fabri noe"** – Appell 28 ta' Frar 1997) u konsegwentement l-atti ghandhom jigu salvati anziche` annullati jew dikjarati nulli (**"Dr Joseph Ellul vs Jos. G Coleiro"** – Appell 24 ta' Jannar 1964).

Illi dawn il-principji gew ukoll applikati minn din il-Qorti kif presjeduta fis-sentenzi **"Guillaumier Industries Limited vs Reginald Fava et"** (Cit Nru 831/97/RCP – 28 ta' Ottubru 1998) u fik fl-ismijiet **"Perit Vincent Cassar noe et vs Nicholas sive Lino Debono et"** – (Cit Nru 1217/98/RCP – 22 ta' Marzu 2000), u dan hekk ghandu jkun jekk verament irridu li kull cittadin jkollu access lejn il-Qorti biex jiehu l-gustizzja reali li jixraqlu.

Illi *in vista* ta' dan kollu ghalhekk l-eccepita nullita' ma tidhirx gustifikata. Infatti, fil-fehma ta' din il-Qorti, fic-citazzjoni jezistu l-elementi essenzjali biex din tkun tista' tigi sostnuta. Dan anki ghaliex is-socjeta' konvenuta, kuntrarjament ghal dak li eccepiet, ma giet bl-ebda mod pregudikata fid-difiza taghha tant li ressqet diversi eccezzjonijiet anke dwar il-mertu u dan mill-bidu nett tal-kawza, b'dan li jidher car li l-istess socjeta' konvenuta kellha l-mezzi kollha sabiex tiddefendi ruhha kif fil-fatt ghamlet.

Illi t-tieni eccezzjoni giet irtirata fis-seduta tal-25 ta' Novembru 2003 u b'hekk din il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' l-istess. Illi jibqa' ghalhekk li jigu trattati l-eccezzjonijiet l-ohra fil-mertu.

Illi dwar il-fatti tal-kaz jirrizulta li fl-1 ta' Frar 2000 saret skrittura ta' lokazzjoni (a fol.5 tal-process) bejn Silvio Felice u Emmanuel Gauci ghan-nom tas-socjeta' EMM Enterprises Ltd fuq il-fond li hu parti mill-flat Nru 1, 126, Tower Rd, Sliema. Wahda mill-kundizzjonijiet f'din l-iskrittura hija s-segwenti:-

*"the premises is being let for the purpose of operating a car-hire office, or related business. It is prohibited to use the premises for any other purpose or business of any*

*nature whatsoever other than the purpose specified in this paragraph".*

Illi l-attrici xtrat il-fond imsemmi permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Joseph Debono (Dok. "LAD 1" a fol.27 tal-process) datat 12 ta' Mejju 2001 liema bejgh kien suggett ghall-kirja mertu tal-vertenza odjerna. Fl-istess kuntratt ta' akkwist datat 12 ta' Mejju 2001 (Dok. "LAD 1") u precizament f'paragrafu 3 ta' l-istess jinghad li:-

*"(3)Dan il-bejgh jibqa' soggett ghall-pattijiet u kondizzjonijiet pattwiti bejn il-komparenti venditur nomine u EMM Enterprises Limited u cjoe' l-kirja datata l-ewwel ta' Frar tas-sena elfejn (1/2/2000) skond l-anness dokument immarkat Dok. "B"".*

Illi wara li sar dan il-bejgh l-attrici kriet parti ohra mill-istess fond (li ma kenitx mikrija lis-socjeta' konvenuta) lil missierha sabiex jopera bhala Oasis *Tours* li diga' kienet topera minn lokalitajiet ohra f'Malta, nkluz f'Bugibba.

Illi fl-affidavit taghha l-attrici xehdet dwar dak li nqala' skond hija fit-12 ta' Mejju 2003 wara nofsinhar meta mar fl-ufficcju certu Michele Occhiochiuso biex jilmenta dwar eskursjoni li kien ghadu kif mar. Dan qalilha li meta mar fil-fond minn fejn joperaw Oasis *Tours* u EMM Enterprises Ltd kellmu lil certu Alfred, impjegat tas-socjeta' konvenuta. Infatti mill-affidavit ta' Michele Occhiochiuso jirrizulta li huwa dahal fil-fond "Tower Rent Car Hire" bil-*brochure* ta' l-Oasis Travel u bbukkja *tours* ghal ammont ta' nies. L-ircevuti hargu pero' fuq isem EMM Enterprises Ltd (Dok. "LAD 4" Dok. "LAD 4" u Dok. LAD 6" - a fol.31 *et seq* tal-process). Is-socjeta' konvenuta operat it-*tour* wahidha *cioe'* minflok ghaddietu lil Oasis *Tours* biex taghmlu hija bhala *tour operator* licenzjata. Huwa qabbad zewg *mini buses* u pprovda gwida wahda. Gara li l-istess klijenti ma kienux kuntenti bis-servizz u marru jilmentaw fl-ufficcju ta' l-Oasis Travel. Hemmhekk saru jafu li ma kienux inqdew minn Oasis Travel. Sussegwentement Occhiochiuso ghamel rapport formali mal-Malta *Tour*ism Authority li wara li hadet passi kriminali kontra Emmanuel Gauci huwa gie mmultat hames mitt lira Maltin (Lm500)

minhabba li mexxa/opera negozju ta' *operator* ta' giti organizzati minghajr ma kien kiseb minn qabel u ma kellux licenzja mahruga mill-Awtorita' kompetenti.

Illi Martin Degabriele, missier l-attrici, ipprezenta Dok. "MD1" li huwa *brochure* ta' Oasis Travel Ltd bl-*isticker* imwahhla fuqu ta' EMM Enterprises Ltd. Jonathan Cuschieri li jahdem fl-*Enforcement Directorate* mal-Malta *Tourism Authority* xehed li meta waslilhom l-ilment ta' Occhiochiuso ivverifikaw li EMM Enterprises ma kellhomx licenzja valida biex isiru *tours* minnha jew li jaghmluha ta' *sub-agent* biex jaghmel jew ibiegh *tours* ta' haddiehor. Meta marru fuq il-post, kif ukoll fl-ufficcju Bugibba, gew elevati *brochures* li originarjament kienu ta' Oasis Travel imma kellhom *sticker* imwahhla fuqhom ta' EMM Enterprises Ltd.

Illi Emmanuel Gauci, min-naha tieghu, xehed li ghandu *car-hire* u jbiegh *tours* bhal *sub-agent.* Huwa sostna li kellu arrangament ma' Martin Degabriele biex ibieghlu t-*tours* tieghu u dan Degabriele kellu jhallas il-licenzja ta' *sub-agent* jew licenzji li kien hemm bzonn. Dan l-arrangament kien ilu minn qabel li fetah tas-Sliema u ilu xi hdax-il sena. Rigward l-incident ta' Occhiochiuso huwa xehed li ghalkemm dan dahal bil-*brochure* ta' l-Oasis minhabba li huwa ried granet u hinijiet differenti minn dawk indikati EMM Enterprises Ltd pprovdielu trasport u gwida Taljana u hargu ricevuti fuq is-socjeta' tieghu. Huwa nsista in kontro-ezami li huwa *tours* m'ghamilx izda pprovda biss trasport u gwida. Gauci insista li huwa kien ftiehem mas-sur Felice li kellu xoghol relatat mat-turisti. Huwa xehed li minn Bugibba kien jopera bhala *sub-agent* ta' Oasis kif ukoll minn tas-Sliema u din il-prattika kienet ilha ghaddejja ghal xi hdax-il sena.

Illi ghas-soluzzjoni ta' din il-vertenza din il-Qorti ser thares kemm lejn is-sinifikat u okkorrendo l-interpretazzjoni tal-klawsola nnifisha ta' l-imsemmija skrittura ta' lokazzjoni, kif ukoll dwar l-allegazzjoni u insistenza tas-socjeta' konvenuta permezz ta' Emmanuel Gauci li ghalkemm fl-iskrittura ta' lokazzjoni hemm dik il-projbizzjoni pero'

hemm ftehim mod iehor li biddel l-istess, ftehim li kien jirrisali ghal xi hdax-il sena ilu.

Illi dwar l-ewwel punt ma hemm l-ebda dubju li l-klawsola fl-iskrittura hija cara u ma thalli l-ebda dubju dwar is-sinifikat taghha u cioe' li s-socjeta' konvenuta tista' tuza l-fond mikri, illum proprjeta' ta' l-attrici, biss ghall-kiri ta' karozzi jew kummerc relatat. Tant huwa car li apparti li hemm specifikat x'tip ta' kummerc irid jitmexxa mill-fond imsemmi li gie enfasizzat li huwa projbit milli juza' l-fond ghal kwalunkwe xorta ohra ta' kummerc jekk mhux dak specifikat.

Illi hawnhekk issir referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **"Emanuel Avallone vs Centru Speranza fl-Inkapacitati"** (Cit Nru : 1008/96/RCP – 28 ta' Frar 2002) fejn intqal :-

*"Illi kif inghad fis-sentenza **"Anton Spiteri vs Alfred Borg"** (P.A. RCP) 30 ta' Novembru 2000) "ghalhekk hawn japplika l-principju stabbilit fl-**artikolu 1002 tal-Kap 12**, fejn meta l-kliem ta' konvenzjoni mehud fis-sens skond l-uzu tal-kuntratt, hu car, ma hemmx lok ta' interpretazzjoni, ghaliex tali interpretazzjoni, anke supplita minn xhieda, tista' tinghata biss sabiex telucida l-iskrittura jew il-kuntratt f'xi patt incidentali jew accessorju taghha" **("Carmela Borg vs Bartolomeo Xuereb" -** A. C. 30 ta' Marzu 1997)".*

*"Illi dan huwa wkoll konformi mal-principju 'contra scriptum non est argumentum', li jibqa' japplika sakemm ma tingiebx prova li tali skrittura hija nieqsa minn xi element kostituttiv taghha, prova li ovvjament f'din l-kawza ma ngabitx jew ahjar ma ngabitx b'mod konkludenti, anzi il-provi tac-Centru konvenut fl-opinjoni ta' din il-Qorti, jikkonferma t-tezi attrici, u iktar sinifikanti, l-kontenut tal-istess kuntratt u dan huwa ferm sintomatiku anke jekk wiehed ihares lejn ix-xhieda ta' Concetta Avallone, in-Nutar Joseph Brincat, Dr. Joseph Schembri u Carmel Bugeja, iktar u iktar fil-kwotazzjonijiet fuq testwalment citati rispettivament mill-istess xhieda, u ghal-liema kwotazzjonijiet fuq indikati din il-Qorti qed taghmel*

*riferenza ampja.* ***("Joseph Grech Sant nomine vs Avukat Dr. Riccardo Farrugia et nomine" -*** *A.C. 28 ta' Frar 1997").*

*"Illi dawn il-principji gew konsistentament ribaditi mill-Qrati taghna, inkluza minn din il-Qorti kif presjeduta tant li fis-sentenzi* ***"Emmanuel Schembri et vs Leonard Ellul et"*** *(P.A. (RCP) 30 ta' Ottubru 2000) u* ***"Suzanne Xuereb vs Gilbert Terreni"*** *(P.A. (RCP) 12 ta' Lulju 2001) gie ri-affermat li "huwa principju generali fl-interpretazzjoni tal-kuntratti dak stabbilit fl-****artikolu 1002 tal-Kap 16*** *u cioe' li meta "il-kliem ta' konvenzjoni, mehud fis-sens li ghandu skond l-uzu taz-zmien tal-kuntratt, hu car, ma hemmx lok ta' interpretazzjoni". Tal-istess portata hija s-sentenza* ***"Alfrida Borg vs Carmen Camilleri et"*** *(P.A. (RCP) 2 ta' Ottubru 2001)".*

*Illi bl-aktar mod esplicitu gie ritenut li "l-principju kardinali li jirregola l-istatut tal-kuntratti jibqa' dejjem dak li l-vinkolu kontrattwali ghandu jigi rispettat u li hi l-volonta` tal-kontraenti kif espressa fil-konvenzjoni li kellha tipprevali u trid tigi osservata. "Pacta sunt servanda". (A.C. 5 ta' Ottubru, 1998 – "****Gloria mart Jonathan Beacom et vs L-Arkitett u Inginier Civili Anthony Spiteri Staines"****).*

*Illi l-istess sentenza ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell tkompli tghid "Illi l-gurisprudenza nostrali hi kostanti filli rriteniet li ma hiex ammissibbli li prova testimonjali kontra jew in aggjunta ghall-kontenut ta' att miktub u hi talvolta ammessa biex tikkjarifika l-intenzjoni tal-partijiet meta din hi espressa b'mod ambigwu" (Vol. XXXIV, P. III., p. 746).*

*Illi ntqal inoltre anke fis-sentenza* ***"General Cleaners Company Limited vs Attorney General et"*** *(P.A. (RCP) 29 ta' Novembru 2001) li "l-Qrati jkunu obbligati jinterpretaw il-konvenzjoni meta f'kuntratt il-partijiet ma jkunux spjegaw ruhhom car jew posterjorment ghall-kuntratt jintervjeni avveniment li jkollu bhala konsegwenza kwistjoni li ma tkunx giet preveduta u li kien hemm bzonn li tigi maqtugha, u din ghandha tigi primarjament interpretata skond l-intenzjoni tal-partijiet li jkunu hadu parti fil-kuntratt u li tkun tidher car mill-kumpless tal-*

*konvenzjonijiet" (Vol. XXIV, P. I., p.27) (ikkwotata fis-sentenza "**Beacom vs Spiteri Staines"** – ibid; "**Suzanne Xuereb vs Gilbert Terreni" –** P.A. RCP. 12 ta' Lulju 2001; **"Anton Spiteri vs Alfred Borg"** – P.A. RCP. 30 ta' Novembru 2000; "**Emanuel Schembri vs Leonard Ellul" –** P.A. RCP 30 t'Ottubru 2001)".*

Illi ukoll fis-sentenza **"Joseph Vella vs Cecil Attard"** (P.A. (LFS) - Cit.Nru: 591/01/LFS – 7 ta' Dicembru 2004) inghad li:-

*"Issa fi ftehim bil-miktub il-kontenut johrog mill-istess kitba. Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Civili Inferjuri tat-28 ta' Jannar 1999 fl-ismijiet* ***Frendo vs Caruana*** *jinghad li huwa principju ta' dritt li meta ftehim jigi redatt bil-miktub, il-kontenut ta' l-istess ftehim ghandu johrog mill-istess kitba, inattez id-diskussjonijiet u kif dawn zvolgew. Hu prezunt li dak li l-partijiet ikunu ftiehmu fuqu, jkun gie mnizzel fil-kitba, u dak li jkun diskuss izda ma jirrizultax mill-kitba, jitqies jew li ma sarx qbil fuqu jew li gie rinunzjat. Ara wkoll sentenza ta' din il-Qorti kif presjeduta tat-22 ta' Gunju, 2004 fl-ismijiet* ***Simpson vs Saliba.*** *Fis-sentenza tal-Qorti tal-appell Kummercjali fl-ismijiet Albert Brincat vs Anthony Saliba deciza fl-14 ta' Novembru, 1983 jinghad li jistghu jigu prodotti provi orali biex jigu elucidati punti oskuri ta' kitba, jew ghall-impunjazzjoni ta' kitba: izda l-provi orali mhumiex ammissibbli biex ifissru dak li fih innifsu huwa diga' car – ara artikolu 1002 tal-Kap 16".*

Illi fil-kaz in kwistjoni l-kontenut johrog car mill-istess skrittura. Il-konvenut iffirma u ghalhekk qabel li huwa kellu jopera mill-fond li kien originarjament kera minghand Silvio Felice – bhala *car-hire or related business.* Jidher li ma kien awtorizzat li jsir l-ebda xoghol iehor skond l-istess skrittura u certament ma hemm xejn li huwa setgha jorganizza *tours* huwa stess mill-istess ufficcju – tant huwa minnu dan li mid-dokumenti esebiti dwar il-kaz tal-persuna Taljana li ghamlet l-ilment dwar is-socjeta' konvenuta, fl-istess ircevuti l-indirizz tal-ufficcju f' tas-Sliema mertu tal-kawza odjerna ma jirrizultax kif jidher car mid-dokumenti "LAD 4", "LAD 5" u LAD 6" a fol. 31 sa 33 tal-process ghalkemm mix-xhieda ta' Jonathan Cuschieri,

*Assistant Manager* tal-*Malta Tourism Authority* jirrizulta li dawn it-*tours* gew mibjugha proprju mill-ufficcju f' tas-Sliema mertu tal-kawza odjerna (xhieda – 25 ta' Ottubru 2005).

Illi min-naha l-ohra jinghad li ghalkemm mix-xhieda prodotta jidher li s-socjeta' konvenuta kellha ftehim mad-ditta Oasis, li kienet titmexxa minn Michael Degiorgio missier l-attrici, sabiex l-istess socjeta' konvenuta tagixxi bhala *sub-agent* taghha ghall-istess *tours* organnizzati mid-ditta Oasis, u dwar dan l-arrangament jidher li kienet ukoll konxja l-attrici, tant li fil-kontro-ezami taghha datat 8 ta' Novembru 2007 hija sostniet li kienet taf b'dan anke minghand is-sid ta' qabel Felice, jidher li n-negozju li sar ilment dwaru kien li l-istess socjeta' konvenuta kienet qed torganizza *tours* hija stess, attivita' li s-socjeta' konvenuta ma kinetx awtorizzata li taghmel la permezz ta' l-istess skrittura u lanqas a bazi ta' kull ftehim li l-istess socjeta' konvenuta kellha ma' Michael Degiorgio ghan-nom tad-ditta Oasis.

Illi fil-fatt l-ilment li gie nvestigat kien jikkonsisti mill-fatt li l-istess socjeta' konvenuta kienet qed tagixxi sabiex hija stess torganizza t-*tours* minflok taghddi l-istess *tours* lid-ditta Oasis, u dan johrog car ukoll mid-dispositiv tad-decizjoni tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet **"Il-Pulizija vs Emanuel Gauci"** (A.I.K. (JGD) – 10 ta' Gunju 2004) fejn proprju a fol. 4 ta' l-istess (fol. 37) jirrizulta li l-attrici xehdet li kienet skopriet li ghalkemm l-klijent indikat kien mar fl-ufficcju tas-socjeta' konvenuta f'Tas Sliema sabiex jiehu *tour* mad-ditta Oasis, fil-fatt dak li gara kien li l-istess socjeta' konvenuta kienet agixxiet hija stess bhala *tour operator*. Fil-fatt fl-istess decizjoni jidher li kien xehed l-istess Emanuel Gauci li jghid li huwa kien ghamel l-arrangamenti sabiex jipprovdi transport u gwida licenzjata u ma kienx ghadda l-*booking* lid-ditta Oasis ghalkemm meta mar fuqu l-imsemmi Emanuel Cuschieri ghall-Awtorita' ndikata, qal li agixxa biss biex ibiegh it-*tours* ghall-haddiehor. Dan jikkontrasta sew mal-fatt li l-isem tal-*brochure* jghatti l-isem "*Oasis Tours*" bl-isem ta' E.M.M. Enterprises, tant li jidher mill-*brochure* esebit bhala Dok. "MD 1" a fol. 51 tal-process, li l-istess

socjeta' konvenuta irreklamat lilha nfisha bhala socjeta' jew ditta li torganizza hija stess *tours*, negozju li mhux biss mhux permess fl-iskrittura mertu tal-kawza odjerna, izda lanqas qatt ma kien inkluz f'xi ftehim li l-istess socjeta' setghha kellha mad-ditta Oasis, jew ma' missier l-attrici.

Illi ghalhekk abbazi tal-premess jirrizulta mhux li l-istess skrittura ta' lokazzjoni datata l-1 ta' Frar 2000 qatt ma awtorizzat lis-socjeta' konvenuta sabiex torganizza *tours* hija mill-istess fond, izda li ma kien hemm ebda ftehim lanqas ma terzi, li s-sidien kienu jafu bih, li l-istess socjeta' konvenuta setghet tagixxi fl-istess ufficcju sabiex torganizza hija nfisha tali *tours* – haga li jidher li l-istess socjeta' konvenuta definitavament ghamlet, anke jekk wiehed jara d-decizjoni tal-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali, fejn gie ndikat b'mod mill-iktar car li t-*tours* ezaminati minnha kienu gew indikati li gew organizzati minn E.M.M. Enterprises u hawn issir riferenza ghall-ahhar paragrafu ta' pagna 5 u l-ewwel paragrafu ta' pagna 6 ta' l-istess decizjoni (fol. 37 u 38).

Illi ghalhekk dan it-tip ta' negozju qatt ma kien permess fl-istess skrittura privata. Dan jirrizulta wkoll mill-fatt li minkejja dak li gie allegat mis-socjeta' konvenuta, ma jidher li ma sar l-ebda ftehim mas-sid Silvio Felice ghan-nom tas-socjeta' Silvio Felice Limited, li fuq kollox mieghu saret l-istess skrittura; anzi jidher li dak allegat mis-socjeta' konvenuta, li kien bdil ta' l-istess klawsola mertu tal-kawza odjerna, jista' jigi eskluz ghaliex meta l-istess socjeta' trasferit dan il-fond lill-attrici, din ghamlitu soggett ghall-iskrittura esebita datata l-1 ta' Frar 2000, li giet annessa anke mal-kuntratt ta' l-akkwist datat 12 ta' Mejju 2001 bhala Dok. "B", u fl-istess klawsola ma hemm l-ebda dubju li l-istess socjeta' konvenuta setghat biss topera mill-fond f' tas-Sliema ufficcju ta' *car hire* u negozju relattat, izda certament mhux li torganizza hija *tours.*

Illi mhux hekk biss izda mill-provi kollha prodotti jirrizulta li kull koncessjoni li setgha kien hemm qatt ma kienet testendi sabiex l-istess socjeta' konvenuta torganizza hija stess it-*tours,* kif fil-fatt jirrizulta li ghamlet allura bi ksur ta' l-istess skrittura privata datata l-1 ta' Frar 2000, u

certament li l-agir tas-socjeta' konvenuta kien bi ksur ta' l-istess lokazzjoni; mhux hekk biss izda jirrizulta wkoll li kull intiza li kien hemm mad-ditta Oasis ma kenitx tinkorpora dan it-tip ta' negozju u allura ma jistax jinghad lanqas li kien hemm xi bdil fl-istess klawsola ta' l-istess skrittura fis-sens kif indikat mis-socjeta' konvenuta fix-xhieda tar-rappresentant taghha – ghaliex din l-intiza kienet testendi biss sabiex l-istess socjeta' konvenuta tagixxi bhala *sub agent* ghat-*tours* organizzati mid-ditta Oasis, izda mhux kif inghad li l-istess socjeta' konvenuta torganizza t-*tours* hija stess.

Illi ghalhekk ghal dak li jirrigwarda l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta din il-Qorti thoss li kontrarjament ghal dak eccepit, tali organizzazzjoni ta' *tours* mis-socjeta' konvenuta qatt ma kien permess fl-istess skrittura ta' lokazzjoni mas-socjeta' konvenuta, b'dan li l-eccezzjonijiet kollha tas-socjeta' konvenuta fil-mertu qed jigu michuda.

Illi fl-ahharnett il-kwistjoni dwar jekk is-socjeta' konvenuta kellhiex licenzja jew le sabiex topera mill-istess ufficcju bhala organizzatur ta' *tours* hija rrilevanti ghax anki li kieku kienet hekk debitament licenzjata hija ma setghatx topera bhala tali mill-fond indikat proprju minhabba l-kondizzjoni ndikata fl-istess skrittura ta' lokazzjoni, anke ghaliex tali permess ma jfissirx li b'daqshekk il-kontenut ta' l-istess skrittura ghandu jigi njorat. Anki l-argument tas-socjeta' konvenuta li meta nhareg il-permess tal-MEPA dan inghata *'to change use of an unhabitable flat, into a car hire and tours booking office and fixing of sign'* (a fol.80 tal-process) ma huwiex ta' soljev ghall-istess kemm ghaliex fl-istess permess hemm rizerva ghad-drittijiet li jista' jkollha terza persuna u dan apparti li dan ukoll bl-ebda mod ma jbiddlu l-kondizzjonijiet ta' l-istess skrittura ta' lokazzjoni bejn il-partijiet firmatarji.

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-waqt li tichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta**, tilqa' t-talbiet attrici** b'dan illi :-

1. Tiddikjara li s-socjeta' konvenuta kisret kundizzjoni tal-iskrittura ta' lokazzjoni datata l-1 ta' Frar 2000, senjatament il-klawsola li taqra *'the premises (is) being let for the purposes of operating a car hire office, or related business. It is prohibited for any other purpose or business of any nature whatsoever other than the purpose specified in this paragraph';*

2. Tordna x-xoljiment ta' l-iskrittura ta' lokazzjoni datata 1 ta' Frar 2000 immarkata Dok. "LD1";

3. Tordna lis-socjeta' konvenuta sabiex tizgombra u tivvaka mill-fond Flat 1, 126, Triq it-Torri, Sliema fi zmien qasir u perentorju ta' erbghin (40) gurnata mid-data ta' din is-sentenza, u tirrilaxxja c-cwievet ta' l-imsemmi fond a favur l-attrici hekk kif tivvaka l-fond.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------